# Leħen il-Malti

MAĦRUG

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

The Royal University of Malta

It-Tmien Sena | Ottubru 1938 | Għadd 92

**1d.**

Mitbugħ fl-"EMPIRE PRESS" 266, Triq San Pawl—Il-Belt.

## Il-Kotba Mqaddsa bil-Malti

**Imfissrin minn P. P. Saydon**

Ma jdumx ma jidħol għall-istampa l-għaxar wieħed fost il-Kotba Mqaddsa maqlubin bil-Malti mill-Prof. P. P. Saydon, Iżda l-awtur jisgħob bih igħarraf li billi l-bejgħ ta' dawn il-kotba hu żgħir ħafna sa jkollu jnaqqas il-għadd tal-kopji u hekk il-prezz jogħla. Min irid jixtrih, jagħti ismu lis-Sur Salv Farrugia tal-Empire Press u jkollu l-ktieb b'1/3 jew 1/6; min jixtrih mill-ħwienet iħallas 2/- jew 2/6.

KTIEB IL-ĠENESI, 1929, ma fadalx aktar minnu.
KTIEB L-EŻODU, 1930.
KTIEB IL-LEVITKU, 1930.
KTIEB IN-NUMRI, 1931.
KTIEB ID-DEWTERONOMJU, 1931.
TIFSIR IL-KLIEM, 1931.
KTIEB ĠOŻWE, 1931.
KTIEB L-IMĦALLFIN U KTIEB RUT, 1932.
IL-KOTBA TA' SAMWEL, 1933.
IL-KOTBA TAS-SLATEN, 1937.
IL-KOTBA TAL-PARALIPOMNI, joħroġ fil-bidu tas-sena 1939.

## RIGALI SBIEĦ U RĦAS

Trid tagħti rigal sabiħ u rħis? Flok ma tonfoq ħafna flus f'kaxxi ta' ħelu u ġugarelli ta' ebda fejda, ixtri ktieb bil-Malti

Jekk inhu tifel tal-iskola agħtih il-*Ward ta' Qari Malti*.

Jekk inhi xbejba agħtiha *Inez u Emilja*.

Lil min iħobb l-istorja agħtih l-*Istorja ta' Malta* ta' Ġ. A. Vassallo, *Il-gżejjer ta' Malta* ta' Temi Zammit, l-*Istorja ta' Birkirkara, Raħal Ġdid, Mosta*, eċċ. ta' E. B. Vella.

Lil min iħobb jaqra rumanzi agħtih *Taħt tliet Saltniet* ta' Ġ. Aquilina, *Żmien l-Ispanjoli* ta' Ġ. Galea, *Ċensu Barbara* u *Ċejlu Tonna* ta' Ġużè Muscat Azzopardi, *Anġli tan-Niket* ta' Ġinu Muscat Azzopardi.

Lil min hu aktar 'il quddiem fil-Malti agħtih il-*Kotba Mqaddsa* ta' P.P. Saydon, l-*Oqbra* ta' Dun Karm; *Il-Fidwa tal-Bdiewa* ta' A. Cremona.

U biex iżżewwqu l-għażla għandkom : *Minn Xtut in-Nil*; *L-akbar imħabba*; *Il-ħajja tar-Re u r-Reġina*; *Ward jew Xewk*, u oħrajn.

U jekk ktieb wieħed jidhrilkom li hu ftit, agħtu tnejn, tlieta, aktar.

# LEĦEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

OTTUBRU 1938 ] IT-TMIEN SENA [ Għadd 92

## LILL-MALTIN

### Nhar it-8 ta' Settembru

Maltin ta' Malta,
Maltin ta' barra minn Malta,
Maltin tad-dinja kollha li tħossu fikom il-qawwa tal-gżira żgħira,

bgħid minnkom u minn Malta, mitluf f'nofs l-akbar belt tad-dinja, bħal qatra ilma f'nofs ta' baħar, illum, fil-waqt li intom il-koll, tinsabu fejn tinsabu, inġmajtu u ngħaqadtu biex tfakkru l-fidwa ta' Malta, nħoss jien ukoll fija qawwa barranija timlieni, tqanqalni, tħeġġiġni. Inħossni rrid insieħeb leħni ma' leħinkom u ntenni l-għajta ta' rebħa li mis-swar tal-Birgu u tal-Isla dwiet mal-gżira kollha. U għalhekk irrid inkellimkom, lil koll bħal bniedem wieħed, minn din il-beltli lilkom il-koll qiegħda żżomm marbutin u magħqudin taħt ħakma waħda, biex nifraħ magħkom u bil-ferħ tagħna aktar tissaħħaħ u titqawwa r-rabta tagħna.

Meta għadu qalil ħalef il-qerda ta' Malta, misserijietna, mħażżmin bil-qawwa ta' ġensna, qamu u tqabdu, tqabdu u rebħu, rebħu u Malta baqgħet Malta. Għaddew is-snin, u għedewwa oħra, issa b'isem u issa b'isem ieħor, tennew il-ħalfa li jeqirdu 'l Malta u jagħmlu minnha

mhux gods ħerba imma art oħra li, isbaħ jew ikraħ, ma tkunx aktar Malta. It-theddida kienet imdendla fuq rasna, u minnha ma konniex neħilsu kieku ma ħarsitniex il-ħakma għaqlija tal-Ingilterra. Jekk Malta għadha Malta nafuh lil Ingilterra, li qatt ma tbiddel il-bixra tal-ġnus li taħkem imma tħarishom minn kull taħsir barrani.

Jekk irridu li t-tifkira ta' dan il-jum tibqa' tiġġedded minn sena għal sena, jekk irridu li Malta tibqa' li hi, Malta fil-lsien u l-qalb, ngħożżu r-rabta li torbotna mal-Ingilterra, għax fiha l-ħajja tagħna, il-kobor tagħna, il-qawwa tagħna.

P. P. S.

( Dawn l-erba' kelmiet inkitbu biex jixxandru minn Londra mill-B. B. C., imma dak in-nhar il-Prof. P. P. Saydon kien il-Belġju għall-Kungress tal-Orjentalisti ).

# ADOLF HITLER

Ħaseb u xtaq : nar kullimkien u dmija,
U taħkem fuq l-Ewropa r-rieda tiegħu ;
Il-Paċi mhedda bkiet, u stenniet b'ħerqa
Ifiġġ il-jum u jsir il-ftehim miegħu.

ĠUŻE CHETCUTI

# RACIALISM

. . . . . .so odd
as those who choose
a Jewish God,
yet spurn the Jews.

CECIL BROWNE

Ruma, wara Berlin, għajtet bis-saħħa
Li trid issaffi d-demm tat-tajfa tagħha,
Sabiex din tibqa' dejjem bla taħsira
Sħiħa, latina, bint il-għerf u kbira.

Daqqet għalhekk l-aħbar qisha qanpiena:
"Il-Lhud il barra lkoll bla ebda ħniena,"
U l-Lhud imnikkta, mingħajr triq ħanina,
Ħallew il-belt taċ-Ċiviltà Latina.

Issa Ruma qed taħseb sewwa sewwa,
Fuq kliem Berlin, ħabiba minn ta' ġewwa,
Jekk għandhiex tkeċċi barra bħala Lhudi
Lil Kristu wkoll, mija fil-mija Lhudi;

'Ma Ruma mingħajr Kristu ma hix Ruma,
U bih hemm ġew, it-tajfa mhix mirquma.

ĠORĠ PISANI

# KŻEKOSLOVAKJA

Tfajjel, ftit kwiet, mixħut fuq tavolina
Kellu f'idejh ftit injamiet ċkejknin,
U b'sabar kbir u b'għaqal ta' xadina
Kien qed igħaqqad kollox ma' xulxin.

U billi l-bċejjeċ illi kellu t-tfajjel
Kienu minn id ta' mgħallem impittrin,
Xħin għaqqad kollox inti kont tistħajjel
Tara pajjiż sabiħ, qalb djar henjin.

Iżda ftit dam b'dil-logħba hekk sabiħa,
Għaliex missieru laħaq dak il-ħin,
U xejjer daqqa fuq il-logħba sħiħa
Fil-waqt li qaleb fl-art it-tavolin

U l-pajjiż sbejjaħ, mimli djar xemxin
Raġa' sar bċejjeċ tal-injam ċkejknin.

ĠORĠ PISANI

Għawdex

# TIFKIRIET TAS-SAFAR

Sabiħ il-ħolqien ! Dawn iż-żewġ kelmiet joħorġu weħidhom minn qalbek kull meta toħroġ mill-egħluq tad-dar u talbliet lejn il-beraħ tar-raba' u tħares lejn ix-xemx tielgħa minn ġo baħar tad-deheb jew nieżla ġo ħuġġieġa nirien; jew inkella titgħaxxaq bid-dawl ta' qamar fil-ħemda ta' lejl sajfi, jew biddifa fietel ta' jum xitwi, jew bil-ħdura tar-raba' fi dħul ir-rebbiegħa. Sabiħ il-ħolqien! Imma mis-sbuħija tal-ħolqien aħna ma narawx ħlief biċċa żgħira; ħafna sbuħija oħra, is-sbuħija talartijiet il-kbar, is-sbuħija tal-għoljiet, tax-xmajjar, tal-imsaġar, tal-witât ħodor, għalina hija moħbija, u rridu noħorġu barra minn gżiritna biex inħossu u nagħarfu l-kobor u l-qawwa talġmiel tal-ħolqien u nistqarru l-għerf bla tarf ta' Min għamlu.

Fis-sajf li għadda, kif kont Londra, tlajt sa Scotland ma' żewġ ħbieb tiegħi. Għaddejna minn Cambridge u dorna dawra ħafifa mal-Kulleġġi. Minn hemm għal York fejn rajna l-Katidral, li bħal ħafna knejjes oħra ma għadux f'idejn l-Insara. Minn York għal Durham li għandha l-isbaħ Katidral ġo l-Ingilterra kollha. Fiha hemm midfunin il-qaddisin Beda u Cuthbert. Minn Durham għal Edinburgh b'waqfa qasira fi Newcastle. Edinburgh hi belt li fiha ħafna x'jolqtok. Mibnija fuq art imħaddba, tista' minn fuq għolja bħal 'Calton Hill' tara l-belt kollha taħtek. Il-Kastell, mibni fuq għolja oħra, jiġbed lejh ilbarranin kollha għax minn fuqu tara tinfirex quddiemek wirja mill-isbaħ. Żjara lil Holyrood, fejn kienu jgħammru s-slaten, ma ridniex nitilfuha. Hemmhekk bla ħsieb iltqajna ma' wieħed Malti ħabib tagħna. X'ferħa meta tiltaqa' ma' wieħed li tafu f'art bgħida fejn lanqas ħsieb li tiltaqa' ma' Maltin! Minn Edinburgh għal Glasgow ġirja qasira. Glasgow ma fihiex ħwejjeġ kbar li jolqtuk. Belt bħal bliet oħra. Toroq twal u wesgħin, bini għoli, ħwienet kbar, ġiri ta' karozzi, dwalijiet bil-lejl, bħalma tara fi bliet oħra. Għalhekk flok ma nitilfu żżmien fi Glasgow, malajr qtajna x'għandna nagħmlu. Daqqa ta' għajn lill-Esibizzjoni, imbagħad... ġirja sa Oban. Oban hija belt żgħira f'xatt il-baħar, qisha Birżebbuġa, sittin mil bogħod minn Glasgow. Ix-xatt magħmul nofs dawra, b'lukandi u djar sbieħ, waħda ħdejn l-oħra, imma d-daħla tal-qala tidher qisha magħluqa bi gżira żgħira, kollha għoljiet u ħdura, li tbiddel il-baħar f'għadira. Hemm rajt ħaġa li ma rajtha mkien fl-Ingilterra kollha: sema ikħal nir bħas-sema ta' Malta.

Imma wisq isbaħ mill-belt hi t-triq minn Glasgow sa Oban. Qatt ma ninsa dak il-ġmiel ! Kull fejn tħares, ħdura ta' ħaxix u ħdura ta' siġar. U fuq kull naħa tara jinfirxu u jogħlew ħelu, ħelu wileġ kbar ta' raba', il-*highlands* Skoċċiżi. U l-vapur miexi, miexi, idur u jilwi qalb ħdura u għoljiet, bħan-

nixxigħat tal-ilma li jċarċar minn taħt, bla ma tara t-triq fejn sejjer jew it-triq mnejn ġej. Fejn l-art tinfirex fil-wita, hemm għadajjar jew *lochs*, kif igħidulhom in-nies ta' hemm, li jżidu l-ġmiel tal-pajjiż.

Fil-waqt li għajnejja kienu mitlufin f'dak is-seħer ta' ġmiel, moħħi kien mixgħul ħuġġieġa waħda. Kont inħossni maqtugħ mid-dinja mgħammra mill-bniedem, u meħud f'art imsaħħra, imgħammra biss mill-erwieħ. Għaddew mijiet u eluf ta' snin u dawk il-għoljiet kienu hemm bħalma kont narahom jien, b'rashom merfugħa ġod-dija tax-xemx fietla, ġenbejhom miksijin b'libsa ħadra ta' ħaxix bellusi u mżerżqin ħelu, ħelu sa ġol-widien imsaġġra. Hekk kienu u hekk rawhom qabli għadd ta' nies bla tarf. Id il-bniedem ma niġġsetx is-safa tal-ħolqien. Il-vapur tal-art, li jgħaddi minn hemm, xejn ma biddel il-bixra ta' dawk l-inħawi. Kollox għadu kif kien fil-bidu tad-dinja. Inbnew bliet u ġġarrfu, twieldu saltniet, kibru u mietu u tnisslu minnhom saltniet oħra, tbiddel f'bosta nħawi wiċċ id-dinja bix-xogħol issa fejjiedi u issa qerriedi tal-bniedem. Imma dawk il-għoljiet ma tbiddlux; għadhom kif kienu, jidħku d-daħka ferrieħa ta' meta ħarġu minn idejn il-Ħallieq. U jekk il-bniedem f'ħin ta' ġenn ifettillu jqum għal saltna oħra, u jekk fis-saħna tal-ġlieda jqumu oħrajn biex iħarsu lilhom infushom, jew igħinu lil wieħed jew lil ieħor, x'jibqa' mill-ġmiel u mill-kobor ta' għamil il-bniedem ? Il-ħsieb jaħrab imwaħħax, imma l-anqas jekk jagħleb il-biża' ma jista' qatt jobsor il-ħerba li ħin wieħed ta' ġenn jista' jħalli fid-dinja. Imma dawk il-għoljiet imżerżqa jibqgħu hemm, kif inhuma llum, bla ma jittiesfu xejn, għaliex għalihom ma tiflaħx il-qawwa tal-bniedem.

Il-vapur miexi bejn il-għoljiet ħodor, u moħħi jaħseb. Issa kieku dawk li jaħkmu l-ġnus igħaddu ftit xhur kull sena fi mkenijiet bħal dawn, fejn jistgħu jaraw u jħossu l-ġmiel tad-dinja li tana Alla u li l-bniedem ħassarha, tgħid qalbhom ma tirtabx aktar, ma ssirx tħobb aktar il-ħajja u tobgħod il-gwerra? Kieku l-laqgħat tal-ministri li għandhom jaqtgħu bejn mewt u ħajja tal-ġnus kellhom isiru mhux fis-swali kbar imdawwla b'mijiet ta' dwal, imżejjna b'inkwatri ta' slaten u ġenerali mgħammrin b'għodod il-ħarb, imbiegħda mill-ħars tal-kotra u mdawwra bil-għases, imma barra mill-bliet, fil-beraħ, fuq il-għoljiet ħodor, ħdejn il-widien tal-ilma jħaxwex qalb is-siġar, tgħid kieku l-kelma tagħhom ma tkunx aktar ħanina ? tgħid kieku ma jitilqux minn hemm igħajjtu : "Ħajja, ħajja, ħajja, kemm int sabiħa!" u ma jagħmlux liġi li taqta' għal dejjem il-gwerer ?

Il-vapur għadu jiġri u għajnejja dejjem imsammrin ma' dik il-ħdura miexja bla ma tieqaf qatt. U bħali kien iħares imgħaxxaq kull min kien fit-tren. Iżda naħseb li ħadd ma kien jaf mnejn kienet ġejja dik il-qawwa li tjassrek u fil-waqt li tjassrek iġġagħlek tħoss ħlewwiet moħbija. Jista' jkun li billi

wieħed ma jkunx imdorri b'dik id-dehra jħossha aktar qawwija, bħalma aktar qawwija tinħass fuqna kull ħaġa ġdida. Aktar naħseb li dik il-qawwa barranija ġejja mit-tiżwiq ta' ħafna sbuħijiet miġburin flimkien. Għoljiet u witat, widien u għadajjar, ħaxix u siġar, kollha mqassmin bħal-lwien li, imżewwqin minn id tas-sengħa, isawwru kwadru li jislitlek minn qalbek il-għajta: Kemm hu sabiħ !

P. P. S.

# Għajn il-Bniedem.

Naħseb li ma nkunx qiegħed ingħaġġibha meta ngħid li *għajn il-bniedem* hija waħda mill-aktar ħwejjeġ sbieħ li ħalaq Alla. Sabiħa fis-sens *attiv* kemm *passiv*. Il-ħakma tagħha fuq il-ħajja tal-bniedem hija kbira u ta' fejda bla tarf. Dak li tara l-għajn f'leħħa ta' berqa, jista' jbiddel ħajja sħiħa ta' bniedem f'kemm ilna ngħidu: Minn għani tagħmlu fqir, jew minn fqir, għani; minn hieni, imnikket u qalbu sewda; minn tajjeb, ħażin u ħajjen.

Il-għajn tal-kittieb tkabbarlu l-fantasija kif żġieġa fotografika l-aktar ċkejkna toħroġ minnha suriet imkabbra ta' kull daqs li jikxfu kull ħaġa mistura. U dik l-istess għajn li bil-għajnuna tagħha dak il-kittieb ikun kiteb rumanzi u poeżijiet li jgħaxxqu, hija n-nfisha, meta tħares lejha, ma fiha xejn x'jiġbdek, mhux biss, imma tista' tkun kerha, imkemmxa, nofsha mejta.

U, bil-maqlub, kultant niltaqgħu ma' xi tfajla li għandha għajnejha jsaħħru. Żewġ għajnejn qishom kwiekeb, lewnhom igħaxxaq, imberflin b'xagħar twil u mibrum, żewġ għajnejn, f'kelma waħda, li jgħidulek: "Tħaresx lejja jekk trid tibqa' hieni" jew "Ersaq lejja jekk int trid il-ħajja". Imma dawk il-għajnejn ta' għamla hekk ħelwa, jagħmlu sehem minn ras li ma tafx taħseb, minn qalb li ma tafx tħobb, minn ruħ li ma tafx tħoss. Misteru !

X'ngħidu mbagħad għal dik li nsejħulha "għajn ħażina?" Nies li għandhom din ix-xniegħa kulħadd jibża' minnhom u l-kelb il mismut igħidlek li "għajn ħażina" b'ħarsitha taqsam mera.

Il-għajn hija l-mera tar-ruħ u nistgħu għalhekk insejħulha t-tieni fomm tal-bniedem. Din hija ħaġa li ħadd ma jista' jiċħadha. Bniedem tajjeb jew ħażin, ġieħ jew ta' ħila, giddieb jew li jgħid is-sewwa, jista' jinqabad minn għajnejh.

Din it-tagħrifa ċkejkna semmejtha "għajn il-bniedem" iżda tgħodd ukoll għal għajn l-annimali. Ħarsu ftit lejn il-ljun, il-jena, il-kelb, l-ajkla, il-baqra. Ifhmu l-ħarsa tagħhom u tkunu tafu malajr in-Natura ta' kull wieħed minnhom.

Tabilħaqq il-għajn hija l-mera tar-Ruħ.

Nagħtu daqqa ta' għajn lejn iż-żminijiet imgħoddja—meta d-dinja kienet medhija mhux fil-makkinarju u fl-elettriku imma fis-snajja' tal-ġmiel—li ħallewlna bħala tifkira xogħlijiet ta' tinqix u pittura li l-artisti tal-lum jew ma jafux jew ma jridux jagħmlu bħalhom. Kienu jewwilla dawn ix-xogħlijiet jeżistu li kieku l-għajn ta' dawn l-artisti ma kinetx fl-aqwa tal-ħidma tagħha, ħidma li ġiebet magħha lehma u għamil ?

Imma kemm fiż-żminijiet l-imgħoddija, kif ukoll f'dawk tal-lum u l-oħrajn li għad iridu jgħaddu minn fuq id-dinja, kemm kienet titlef mis-sbuħija tagħha n-Natura li kieku għajn il-bniedem kienet ħaġa mejta ?

X'jiswew il-fjuri la ħadd ma jista' jarahom ? Għalfejn dak iż-żerniq tax-Xemx li jħallik tħares lejh miblugħ, dawk il-ljieli ta' ħemda, dak is-saqaf tas-sema sfiq bil-kwiekeb ? Xi ħjiel kienu jħallu f'moħħ il-bniedem l-imsaġar u l-baħar, dak il-baħar li jhenni u jwaħħax ?

Xejn !... Xejn!...

Xtaqt li kont Tabib biex nikteb ukoll kelmtejn fuq "*għajn il-bniedem*" min-naħa fisjoloġika, imma, la miniex aħjar niskot. B'dana kollu iżda hija ħaġa magħrufa minn kulħadd li dan l-istrument huwa wieħed mill-iżjed mirqumin u midlelin li għandu l-bniedem, imma, jaħasra ! ftit nagħtu kontu. Meta qatt, jekk wieħed ma jkollux għajnejh juġgħuh b'xi riħ jew tinġis, jiġih f'rasu li jaħsilhom, imqar bi ftit ilma frisk, kif jaħsel kuljum snienu ? Meta qatt il-bniedem imur iżur tabib jekk mhux meta l-ħars ikun beda jaqdih ħażin għal kollox ?

Dnub !... Dnub kbir !...

Dik il-makna tar-ritratti—il-makna l-iżjed perfezzjonata, b'dijaframma tal-għaġeb—għandha tkun għażiża għalina għax hija għajn ta' ħafna ħsibijiet u għemejjel li minnhom, ta' sik-wit, tiddependi l-ħajja tagħna : L-istudju fiż-żgħożija; il-għażla tas-sieħba li trid taqsam magħna f'irġulitna, kull ġid u kull ħsara; il-faraġ ta' wlied uliedna meta nixjieħu; l-aħħar tislima lid-dinja meta naslu... biex insiefru għad-dinja l-oħra.

Ivo Muscat-Azzopardi

Lixandra.

# SWAR ĦIEMDA

Ħiemda,—xejn, xejn ma jisgħob bikom ?—dari
kontu qawwija, llum swar mingħajr ħajja;
illum toħolmu, u f'dak il-ħolm isaltan
bid-dawl tas-sebħ, iż-żmien ta' l-akbar ġrajja.

Intom leħen għalina: ħalla ħalla
jgħaddi l-baħar tas-snin: tibqgħu tfakkruna
fil-qalb ta' min, sider ma' sider, tqabad
mal-ġelledin li ġew ħa jeqerduna.

Qalila l-ħajja li ġarrabtu, imma
kbira u sabiħa. Taħt il-ħars selgħani
ta' bniedem mimli ħeġġa, u nar ta' ħila,
stabat ma' l-art, u miet l-għadu kotrani.

* * *

L-għanja għodwija tal-għasafura ċkejkna
li sebħet tgħanni fuq is-siġar qribkom,
hi li tnessikom dawk il-jiem imbiegħda,
hi li ma' tul in-nhar tħaffef salibkom.

Tisimgħu dwarkom it-tħaxwix tal-weraq
'ma tibqgħu ħiemda; u l-passi tal-ħaddiema
jilħqukom xħin ix-xemx tixref fil-għodu,
u xħin, għajjiena, tnin fost ħajr u sliema;

dawk il-ħaddiema li ġo qalbhom għandhom
nirien ta' mħabba lejn id-dar imbierka,
dawk il-ħaddiema li ġo qalbhom għandhom
tifkira ħelwa ta' ġrajjiet, imxierka

mad-dmugħ safi ta' omm li bkiet u ħabbet,
li rat fuq wiċċha mitt salib għaddejja;
Omm ! int ruħi, demmi, jien demmek, ruħek,
għadni narak fl-uħux tal-lejl hemm, ħdejja.

* * *

U intom tafu, swar, il-ħarsa mbissma,
l-għajnejn ta' mħabba fil-lejliet sajfija,
żgħażagħ, tnejn tnejn, mitlufa f'ħajja sbejħa,
tilma fuq wiċċhom tas-smewwiet id-dija.

Qalbkom marbuta l-lum ma' qalb iż-żgħażagħ,
m'għadhiex mixgħula bin-nirien tal-glieda,
m'għadhiex qalila, tisber f'daqqa waħda
xħin tilmaħ ġej il-għadu għall-għarrieda:

il-ġgajta tqum, kanuni jdamdmu, l-għajta
ta' amar tinfed ruħ in-nies qalbiena,
l-azzar jinħasel bid-demm sħajjen, jisħtu
uħud il-ħajja, oħrajn jittallbu ħniena.

Il-lum mhux hekk: minn fuq xefaq iswed
għadda mar-riħ is-sħab, waqfet ix-xita,
feġġet darb'oħra x-xemx wara t-tempesta,
xtered il-ġmiel fl-egħlieqi w fuq il-wita.

Il-lum mhux hekk. Imma ġo ruħkom għadha
u tibqa' tidwi l-għajta tat-taqbida.
Għalfejn is-sliem? il-ferħ? l-imħabba? Għalikom
aħjar sultana l-Mewt, bil-minġel f'idha.

Ġużè Chetcuti

# BIBLJOGRAFIJA

Karmenu Vassallo. *Nirien* jew Damma ta' Għanjiet. Stamperija Giov. Muscat, Il-Belt, 1938.

X'hemm f'din id-damma poeżiji li tagħmilhom sbieħ u wħud minnhom, nista' ngħid, kbar? Il-versi tajba u l-kelma maltija safja li fihom? Mhux biżżejjed. Għax versi meqjusa u mexxejja, u kelma safja biss, ma jagħmlux poeżija. Dik li tħossha tiġbdek hija s-saħħa tal-ħsieb oriġinali. Tassew li waqtiet il-ħsieb imdardar ifakkrek fil-ħajja mħarbta ta' Leopardi u, x'mindaqqiet ukoll, fil-qtigħ il-qalb ta' Ada Negri, imma b'daqshekk Karmenu Vassallo, għalkemm igħum fil-baħar tal-ħsebijiet u x-xewqat tagħhom, jagħraf, b'ħila u b'xejra li twieldu ma' ruħu, jitbiegħed ħafna minnhom. Din li għamlet lil Karmenu Vassallo poeta: l-oriġinalità.

Fil-poeżiji tiegħu nsibu, biex ninqdew bi frażi barranija, '*the nexus of reality*'. Hu kiteb dak li ħass, li ħabb, li beka bil-moħbi ġo qalbu f'siegħa ħażina jew f'xi waqt li deher qed jiftaħlu bħal xefaq imdawwal ta' mħabba u ta' hena. U xejn anqas minn Poeti oħra nsara li għamlu isem, ir-Reliġjon ta'

Kristu ħadmet fuq il-qalb żagħżugħa tal-poeta. B'xhieda ta' dan nagħti żewġ strofi li, fi ħsiebi, huma mill-aħjar:

Ħażin: u dawl is-sewwa;
Ghajjur: u Sid kullħadd;
Xewwiex: u ġieb is-sliema;
Ħalliel: u ġidu radd;

Mibgħud: baħar ta' mħabba;
Miġnun: għerf il-Mulej;
Misħut: għajn ta' kull barka;
Mislub: Alla Feddej.

Karmenu Vassallo, kif diġa għidna, hu ż-żagħżugħ li ħabb u, għax ħabb, bosta drabi ħass ruħu mwaġġa' bis-sħiħ mill-ħqir tad-dinja. Għalhekk fil-kitba tiegħu niltaqgħu sikwit ma' nirien imħeġġa ta' mħabba. Lejn min ? Lejn kull ma jfiġġ sabiħ, ħanin, u maħbub fi ħsiebu. Imma, wisq aktar drabi, aħna u naqraw, nieqfu naħsbu fuq ħsebijiet imħawdin ta' ħajja maqtugħa, ħajja li ma tafx fejn sa tasal, ħajja mxabbgħa donnha qed tfittex x'imkien, xi naħa, għaliha weħidha, fejn il-kotra taħrab bilġri. X'ma jħassbukx fuq il-'jien' tiegħu, imdejjaq u fl-istess ħin qalil, versi bħal dawn ?

U għax ġejt jien ? U kif ġejt jien ? X'jedd kellhom ?
missieri w ommi li jġibuni fl-art ?
Xi dmir kien tagħhom li jiżirgħu ħajti
f'qasam daqs baħar kollu xewk, bla ward ?

Il-versi tan-'Nirien' jistgħu jitressqu quddiem kullħadd, żgħar u kbar, bħala xhieda tal-ħsieb għoli u tal-kitba sabiħa.

Ġużè Chetcuti

*Elements of Maltese*. May Butcher. Oxford University Press. 1938.

Qabel xejn irridu nifirħu minn qalbna lil Miss May Butcher tal-biċċa xogħol meħtieġa li tatna f'idejna. Grammatki bil-Malti kellna u tajbin, imma mhux għal idejn dawk l-Ingliżi li jixtiequ jitgħallmu bi lsienna. Il-mentalità ta' l-Ingliżi hi għadma iebsa biex tifhimha, u għalhekk mhux la kemm taqbad u tikteb biex iġġagħalhom jifhmuk. Trid tkun għamiltha magħhom sewwa. Trid tkun Ingliż minn qaddisek. Imma mur sibu dan l-Ingliż li minn rajh jitgħallem ilsien barrani biex imbagħad b'sengħa ta' mgħallem, igħallem lin-nies ta' art twelidu!

B'xorti tajba Miss Butcher, imħajra mill-ġmiel imlewwen ta' lsienna, intefgħet b'ruħha u b'ġisimha biex titgħallmu, u f'anqas minn sitt snin li kienet ilha hawn fostna għarfet tidħol daqshekk f'ruħ il-grammatka tiegħu li nistgħu ngħidu, għal dik li hi grammatka ftit hawn Maltin li jħabbtuha magħha. Għalhekk '*Elements of Maltese*' ma tagħmilx ħlief ġieħ kbir l-ewwelnett lil min kitibha u mbagħad ġieħ xejn anqas għoli lil ilsienna. Din il-grammatka ħatret bħala l-ortografija tagħha l-orto-

grafija uffiċjali tal-Gvern, jiġifieri dik tal-Għaqda. Tinqasam f'żewġ taqsimiet: l-ewwel waħda titkellem, lezzjoni b'lezzjoni, dwar l-ortografija. L-artiklu, l-aġġettiv, l-avverb, il-verb, in-nom, il-pronom, kollha mgħallma bir-reqqa u bissengħa. It-tieni tiġbor fiha tagħlim meħtieġ u taħriġ ta' eserċizzi. Ħaġa li tolqtok, u li hi ta' siwi bla tarf għal min irid jistudja lsien barrani, hi li fil-ktieb kollu tiltaqa' mal-pronunzja fonetka tal-kotra l-kbira ta' kliem. Ħaġa oħra hi li kull kelma ma tinqediex biha darbtejn: dan sabiex l-istudent jaħżen għadd sabiħ ta' kliem ġdid. Fi tmiem il-ktieb insibu 'xi qwiel Ingliżi li jaqblu ma' oħrajn Maltin'. Kollha mqegħdin tajjeb.

L-awtriċi tiżżi ħajr fil-madħal tagħha lis-Sur Nin Cremona u l-Prof. Dun P.P. Saydon li ħeġġuha minn qalbhom u għenuha b'idejhom miftuħa. Għal min ma jafx Miss May Butcher hi kittieba tajba ta' lsienha, u x-xejra li għandha għall-poeżija hija mill-ogħla. Ħafna mill-poeziji tagħha bl-Ingliż jitkellmu bi kliem meqjus, f'loku, u sabiħ dwar Malta u l-Maltin. Biex nagħti xhieda ta' dan li qegħdin ingħidu, insemmu poeżija waħda 'The Symbol' li hi, megħjuna minn Dun Karm, qalbet bil-Malti: 'Il-Għelma'. Din kitbitha b'tifkira tar-Rebħa tat-8 ta' Settembru, 1565.

Ix-xogħol tagħha, minbarra li jagħmel ġid lill-Malti bħala lsien, jiswa wkoll sabiex jorbot b'fehma waħda Ingliżi ma' Maltin, għax x'hemm aħjar li jista' jgħaqqad ħbiberija u ftehim bejn nazzjon u oħra milli jitgħallmu jħobbu l-ilsna ta' xulxin?

C.

Ivo Muscat-Azzopardi. *Triq id-Dejqa Nu. 313.* Xirka Tixrid Qari Malti—Eġittu. Mitbagħ A. De Giorgio, Port Said. 1938.

Tassew ta' min jieħu pjaċir xħin jara l-ġid li qiegħda tagħmel ta' sikwit ix-Xirka Tixrid Qari Malti ta' l-Eġittu fost il-Maltin ta' Malta u, wisq iżjed, fost il-Maltin ta' barra. Minbarra l-propaganda qawwija b'riżq il-Malti li qegħdin jagħmlu l-imseħbin ħabrieka tagħha, qegħdin ukoll joħorġu kotba ta' min ifaħħarhom. Kollha sbieħ u tajba.

*Triq id-Dejqa Nu. 313* hu l-aħħar ktieb li ħareġ minn ħdan din ix-Xirka. Ma jagħmilx għajb lill-kotba ta' qablu. B'dan il-ktieb Ivo Muscat-Azzopardi għaraf idaħħal fergħa ġdida fi lsienna, fergħa li ssibha f'bosta ilsna oħra, u l-aktar fl-ilsien Ingliż: id-*detective story.* Bendu Muscat hu l-karattru ewlieni, u minn kapitlu għall-ieħor narawh issa fil-għoli, Sottu Direttur ta' Ditta magħrufa f'Lixandra, u issa, bla ħabba f'butu, jittallab ix-xogħol hawn Malta; issa ferħan u l-ħajja ħabiba

tiegħu, u mbagħad imdejjaq, imħasseb, u x-xorti tagħtih fuq wiċċu.

Din hi n-nisġa fuq fuq tal-ġrajja: F'Lixandra Bendu Muscat kien igħaddiha tajjeb imma sewwa jgħidu 'wara l-ferħ il-għali'. F'disgrazzja ta' karrozza missieru u ommu mietu mgħaffġin, u hu safa miġruħ bis-sħiħ. Waħdu, ix-xogħol li kellu tilfu, ma kienx jaf fejn sa jaqbad jagħti rasu. Ġie Malta, u hawnhekk il-bieb tat-tama beda jitbexxaqlu mill-ġdid: daħal Segretarju tal-Kmandant tal-Pulizja, Gatt. Dik il-ħabta tas-serq ta' l-ogħna ħwejjeġ kien fl-aqwa tiegħu. Il-ħtija kienet qed taqa' fuq il-Kmandant. Is-Segretarju tiegħu ntafa' fuq ħidma bla heda biex jikxef il-ħalliel, u l-ħalliel ma damx ma nqabad: il-mara tal-Kmandant kienet qed twettaq dak is-serq. Il-għala mara għanja bħal dik kienet għamlet dawk is-serqiet? Ir-raġuni nafuha wkoll: hi kienet marida bil-kleftomanija: ġenn għas-serq.

Ma laqatniex xi kliem taljan għal kollox li sata' jinqaleb bla tbatija xejn fi kliem Malti mexxej, bħal ħbieb intimi, ħbieb tal-*qalb*, jew *ġewwiena*; tippermettilha, *tħalliha*; tispjegalhom *tfissrilhom*; salpat, *telqet*; indunat, *intebħet*; kien deċiż, *waħħal f'rasu*; jirvina, *jeqred*; tirrofta, *tiċħad*; illifrontawhom, *ċanfruhom*; tost, *sfieq*; impieg, *xogħol*; battalja, *ġlieda*. Dawn ftietaq imma tajjeb wieħed jarahom, għax isebbħu qatigħ il-kitba.

L-awtur ħatar il-ktieb lil ommu u missieru li rabbewh Malti tassew, fir-ruħ u fil-ġisem.

C.

# Kotba oħra ġodda

Alf. M. Galea, *Tigina Saltnatec !* Ġabra żgħira ta' ħsebijiet ta' Patri Mattew Crawley; Stamperija tas-Salesjani, 1938.

*The Symbol—Il-Għelma*, għanja bl-ingliż u bil-malti miktuba minn Miss May Butcher megħjuna minn Dun Karm, bil-mużika ta' Juljan Wright, London.

Salvu Agius, *L-imgħallem tal-Koki*, it-tieni ktieb. Niżżuħajr lil kulħadd.

Irridu nsemmu wkoll ir-rivista Franċiża *Aguedal* li fil-ħarġa ta' Settembru 1938, mogħtija kollha għall-poeżija, għażlet il-poeżija *Pars mea* tas-Sur Ġorġ Pisani, li dehret f'*Leħen il-Malti* ta' April 1937, u żeditha, maqluba fil-Franċiż minn L. Ropa u T. Said, ma' poeżijiet oħra miktubin minn letterati Franċiżi. Is-Sur Pisani, illum, jimxi f'ras it-tajfa tal-poeti żgħażagħ Maltin, u mqar mal-kbar ta' qablu għandu post ta' ġieh. U lil min qiegħed jagħmel ġieh lill-ilsien Malti, għad ma hemmx post mal-Gvern kif jixraq!! Nifirħulu u nixtiqulu.

# *Lehen il-Malti (Università)*

*KTEJJEB TA' KULL XAHAR — GĦAT-TAGĦLIM*

TISĦIB XELIN FIS-SENA JEW 1*d*. IL-GĦADD

GĦAND AQUILINA TA' TRIQ IRJALI

ILAĦĦAQ IT-TIXRID TA' MADWAR ELF

JIDĦOL FID-DJAR TAL-KBAR U Z-ZGĦAR

**KONDIZZJONIJIET**

**Kull imsieħeb li ma jġeddedx it-tisħib sa wara għadd li jkun wasallu mhux imħallas, ismu jitħassar mill-kotba tagħna.**

**Kull kitba li tinbagħat ma titreġġax lura u lanqas ma jingħataw fehmiet privati bil-miktub dwar xogħlijiet letterarji mibgħuta.**

**Leħen il-Malti hu l-ewwel nett ġurnal ta' l-istudenti ta' l-Università u għalhekk il-kitba ta' dawn tieħu l-ewwel post.**

**Il-kitba ta' barranin li ma tlaħħaqx sa fejn jitlob il-ġurnal titħalla barra mingħajr ma tingħata l-ebda raġuni**

**Il-kitba ta' nies mhux magħrufa jew imħarrġa biżżejjed tista' tkun mimsusa qabel tidher stampata.**

**Kittieba barranin m'għandhomx jibgħatu kitba li tieħu iżjed minn tliet faċċati.**

**Leħen il-Malti jitlob kitba li jkun fiha xi ħaġa iżjed minn Malti safi— sengħa u koltura.**

**Meta kitba tidher fuq isem b'ieħor l-editur għandu jkun jaf isem sewwa tal-kittieb bl-indirizz b'kollox.**

**Leħen il-Malti jiżżi ħajr lill-ħbieb kollha li jxerrduh fost dawk li għad ma bdewx jaqrawh, l-aktar lil dawk li jgħinuna nkabbru l-għadd ta' l-imseħbin.**

**Ittri u kitba letterarja għandhom jinbagħtu :**

**EDITUR, LEĦEN IL-MALTI (Università)**
**Empire Press, 266, Triq San Pawl,**
**Il-Belt.**

ĦAREĠ ir-rumanz li kien rebaħ l-ewwel premju fil-Konkors imniedi mill-Gvern

# TAĦT TLIET SALTNIET

TA'

ĠUŻÈ AQUILINA

It-Tieni wieħed mill-

## ĠABRA TA' KITBA MALTIJA

MAĦRUĠA

MIT-TABIB ĠUŻÈ BONNICI

FIĦ MAL-480 PAĠNA.

---

**Tisħib**

**6d. kull sitt xhur**
**1s. kull sena.**
**Kopja waħda sold**
**Għal barra minn Malta id-doppju.**

**Għat-Tisħib u bejgħ morru għand id-Ditta**
**A. C. AQUILINA & Co.**
**58D Triq Irjali, Il-Belt.**